DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2017/464

tas-7 ta' Marzu 2017

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni BiH/21/2014 (BiH/24/2017)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE.

(2) Fit-18 ta' Marzu 2014, il-KPS adotta d-Deċiżjoni BiH/21/2014 ([2]) li taħtar lid-Deputat Kmandant Alleat Suprem għall-Ewropa (DSACEUR), il-Ġeneral Sir Adrian BRADSHAW bħala l-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina.

(3) In-NATO ddeċidiet li taħtar lill-Logutenent Ġeneral Sir James EVERARD bħala DSACEUR biex jieħu post il-Ġeneral Sir Adrian BRADSHAW. L-inkarigu tal-Logutenent Ġeneral Sir James EVERARD jibda fit-28 ta' Marzu 2017. Minn dik id-data, il-Logutenent Ġeneral Sir James EVERARD għandu wkoll jieħu post il-Ġeneral Sir Adrian BRADSHAW fil-kapaċità tiegħu bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina.

(4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni BiH/21/2014 titħassar.

(5) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża.

(6) Fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill Ewropew ta' Kopenħagen adotta dikjarazzjoni li tgħid li l-arranġamenti "Berlin plus" u l-implimentazzjoni tagħhom ser japplikaw biss għal dawk l-Istati Membri tal-Unjoni li huma wkoll jew membri tan-NATO jew li huma partijiet fis-"Sħubija għall-Paċi", u li konsegwentement ikkonkludew arranġamenti bilaterali dwar is-sigurtà man-NATO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Logutenent Ġeneral Sir James EVERARD huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina mit-28 ta' Marzu 2017.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni BiH/21/2014 hija b'dan imħassra.

([1]) ĠU L 252, 28.7.2004, p. 10.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà BiH/21/2014 tat-18 ta' Marzu 2014 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-Operazzjoni Militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja-Ħerzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni BiH/17/2011 (ĠU L 95, 29.3.2014, p. 29).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' Marzu 2017.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Marzu 2017.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
W. STEVENS